MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Numru. 990/2006

PULIZIJA
SPETTUR FRANS MICALLEF
VS
ANDREA CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrea Camilleri, ta' 23 sena, bin Carmelo u Rosaria nee' Grech, imwieled Pieta' fit-2 ta' Marzu 1982, u residenti 16, Triq Pawlu Magri, Luqa, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 139583(M), u akkuzat talli f'Hal Luqa, nhar id-29 ta' Mejju 2005, ghal habta ta' 11.45pm, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiez jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 2) u tal-imputat (a fol 12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni akkuza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 10).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza, u wara li rat l-Artikoli 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7 tal-Kap 446, tqieghdu ghal tmintax-il (18) xahar 'probation order', taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat; l-eta' giovannili tieghu; il-fatt illi huwa 'a first offender' u l-koperazzjoni li wera mal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------